



Kumitat għas-Sajd

2020/2169(DEC)

24.2.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019: L-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA)
(2020/2169(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pierre Karleskind

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2019, tar-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija għall-2019 u tal-analiżi u l-valutazzjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija dwar dak ir-rapport;
2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għad-dikjarazzjoni tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet relatati mal-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2019; jieħu nota tal-fatt li l-Qorti kkonfermat l-implimentazzjoni sħiħa min-naħa tal-Aġenzija tal-azzjonijiet korrettivi kollha proposti fir-rapport tal-Qorti għas-sena finanzjarja 2018;
3. Jinnota li l-Aġenzija rċeviet EUR 16,7-il miljun f'kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2019, u dan l-ammont jirrappreżenta tnaqqis ta' 0,4 % meta mqabbel mal-2018; jirrimarka li, mill-aġenziji kollha tal-Unjoni, l-Aġenzija tirċievi waħda mill-aktar approprjazzjonijiet baġitarji baxxi; jilqa' l-fatt li fl-2019, l-Aġenzija rnexxielha timplimenta l-baġit tagħha b'rata ta' 99,9 % għall-impenji u 86 % għall-pagamenti;
4. Ifakkar fl-importanza tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS); jirrikonoxxi l-kontribut vitali tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni ta' dawk l-oġġettivi; jenfasizza li r-reviżjoni li għaddejja tar-regolamenti li jirregolaw il-kontroll tas-sajd se twassal għal żieda fil-volum ta' xogħol tal-Aġenzija; jenfasizza n-nuqqas ta' koerenza fit-tfittxija li jiġu indirizzati l-obbligi dejjem akbar mingħajr riżorsi suffiċjenti biex dan isir; jenfasizza, għalhekk, li fis-snin li ġejjin jeħtieġ li jiżdiedu r-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli għall-Aġenzija;
5. Jilqa' t-titjib kontinwu, mill-2017 'l hawn, fir-rata ta' implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, li laħqet 99 % fl-2019 meta mqabbla ma' 98 % fl-2018 u 93 % fl-2017; jinnota, barra minn hekk, li fl-2019 l-Aġenzija kkoordinat 32 381 spezzjoni tal-bastimenti tas-sajd, li wasslu għall-identifikazzjoni ta' 1 487 każ ta' ksur suspettat, u dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw żieda ta' 20,2 % u 107,8 % rispettivament meta mqabbla maċ-ċifri tal-2018; iqis li dawk iċ-ċifri juru li l-ispezzjonijiet u l-attivitajiet ta' segwitu tagħhom jibqgħu għodda essenzjali biex ikun żgurat li r-regoli tal-PKS jiġu rrispettati;
6. Jilqa' l-fatt li, mill-2017 'l hawn, il-ftehim ta' ħidma tripartitiku bejn l-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ħadem sew; jinnota li l-Aġenzija tinsab fit-triq it-tajba biex, sa tmiem l-2020, tilħaq l-oġġettivi ta' dan il-ftehim; iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha f'dik id-direzzjoni; iqis il-ftehim bħala eżempju ta' sinerġija bejn l-aġenziji tal-Unjoni li għandu jservi bħala sors ta' ispirazzjoni għal aġenziji oħra f'oqsma oħra;
7. Jenfasizza l-assistenza pprovduta mill-Aġenzija lill-Kummissjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u r-rwol kruċjali tal-Aġenzija biex tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni mal-istati kostali kollha; jisħaq, f'dak ir-rigward, fuq il-

ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi allokatu lill-Aġenzija bil-għan li jkun possibbli li tiġi ġestita ż-żieda fil-volum ta' xogħol ikkawżata mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u kwalunkwe konsegwenza potenzjali tar-relazzjoni l-ġdida għall-qafas ta' kontroll tas-sajd;

8. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2019, it-tabella tal-persunal kienet 100 % mimlija, u nħatru 61 aġent temporanju mill-61 aġent temporanju awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni;
9. Jieħu nota tal-politika tal-Aġenzija li tippromwovi t-trattament ugwali tal-persunal u l-oġjettiv tagħha rigward il-bilanċ bejn il-ġeneri, kemm f'termini ta' numri, kif ukoll ta' gradi u ta' livelli ta' responsabbiltà; jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2019, total ta' 46 % tal-membri tal-persunal kienu nisa; jikkritika l-fatt li n-nisa jirrappreżentaw biss 26 % tal-persunal impjegat fil-grad AD 8 jew oġħla; jinnota, madankollu, li din ir-rata tġiebet b'9 punti meta mqabbla maċ-ċifra tal-2018, u tġiebet b'2 punti meta mqabbla maċ-ċifra tal-2017; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha fir-rigward tal-politika ta' parità bejn il-ġeneri tagħha;
10. Jiddeplora l-fatt li, minkejja l-impenn li ħadet l-Aġenzija f'Ġunju 2018 li tippubblika l-informazzjoni dwar il-laqgħat rilevanti tad-direttur eżekuttiv u l-persunal ma' lobbisti fuq is-sit web tagħha, s'issa għadha ma ġiet ippubblikata l-ebda informazzjoni; jistieden lill-Aġenzija żżomm l-impenn tagħha u taġġorna regolarment il-paġna tas-sit web tagħha ddedikata biex ttiprovdi dik l-informazzjoni;
11. Jipproponi li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2019.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	22.2.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, François-Xavier Bellamy, Isabel Carvalhais, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Giuseppe Ferrandino, João Ferreira, Søren Gade, Francisco Guerreiro, Anja Hazekamp, Niclas Herbst, France Jamet, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Cláudia Monteiro de Aguiar, Grace O'Sullivan, Manuel Pizarro, Caroline Roose, Annie Schreyer-Pierik, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Chabaud, Valentino Grant, Raffaele Stancanelli

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
ECR	Raffaele Stancanelli, Ruža Tomašić
The Left	Anja Hazekamp
PPE	François-Xavier Bellamy, Niclas Herbst, Francisco José Millán Mon, Cláudia Monteiro de Aguiar, Annie Schreijer-Pierik, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
RENEW	Catherine Chabaud, Pierre Karleskind, Søren Gade
S&D	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Giuseppe Ferrandino, Predrag Fred Matić, Manuel Pizarro
VERTS/ALE	Francisco Guerreiro, Rosa D'Amato, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

2	-
ID	France Jamet
The Left	João Ferreira

2	0
ID	Rosanna Conte, Valentino Grant

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni